# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-5 TA' DICEMBRU 2019

**Kawza Numru: 9**

**Rik. Gur. 47/2019 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**(C3177)**

**vs.**

**Alexandar Stefanov**

**(I.D. Numru 48811A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. prezentat fit-18 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi in forza ta' kuntratt tat-13 ta' Settembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena, il-Bank attur ta faċiltajiet bankarji lill-konvenut Alexandar Stefanov konsistenti f'self fis-somma ta' mija u tmint elef u mija u tmenin ewro (€108,180.00) sabiex jixtri proprjetà (Dok. A);

2. Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* tal-14 ta' Ġunju 2012 (Dok. B) li tirrigwarda dan il-kont (Home Loan Numru 16134583) u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€123,964.39), dovuta in kwantu għal mija u sitt elef, mija u sitta u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€106,186.10) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti sbatax-il elf, seba' mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€17,778.29) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ottubru 2018 (Dok. C), oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-ammonti fuq indikati permezz ta' ittra uffiċjali datata 21 ta' Frar 2015, hawn annessa bħala Dok. D baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenut Alexandar Stefanov huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf, disa' mija u

erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€123,964.39), dovuta in kwantu għal mija u sitt elef, mija u sitta u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€106,186.10) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti sbatax-il elf, seba' mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€17,778.29) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ottubru 2018, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv ;

(ii) tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€123,964.39) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq imsemmi mid-19 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 21 ta' Frar 2018 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata.

Rat il-provi kollha mressqa mill-bank attur;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-kawza odjerna hija azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu dovut mill-konvenut a favur il-bank attur.

Sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu l-bank attur ipprezenta kopja tal-kuntratt ta' self u bejgh fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tat-13 ta' Settembru 2012; kopja tas-sanction letter tal-14 ta' Gunju 2012; statement li juri l-bilanc dovut fuq il-kont bankarju numru 16134583 u kopja tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2015.

Xhedet ukoll bil-mezz ta' affidavit Doreen Cunningham fejn spjegat b'dettal l-origini tal-ammont reklamat kif ukoll spjegazzjoni tal-bilanc attwalment dovut.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2019 giet prezentata mill-bank attur nota guramentata li permezz taghha l-Prokuratur Legali Catherine Fenech ghall-bank attur ikkonfermat illi fil-mori tal-kawza ma saru l-ebda pagamenti mill-konvenut.

Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi u tiddeciedi illi l-bank attur issostanzja sodisfacentement il-pretensjonijiet tieghu kontra l-konvenut.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici,

(i) Tiddikjara li l-konvenut Alexandar Stefanov huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta’ mija u tlieta u għoxrin elf, disa’ mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€123,964.39), dovuta in kwantu għal mija u sitt elef, mija u sitta u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€106,186.10) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti sbatax-il elf, seba’ mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu

(€17,778.29) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta’ Ottubru 2018, kif ukoll l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta’ Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv ;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta’ mija u tlieta u għoxrin elf, disa’ mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€123,964.39);

(iii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-bank attur l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma imsemmija ta' €123,964.39 mid-19 ta’ Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 21 ta’ Frar 2018.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**